# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Illum l-Erbgha 12 ta' Dicembru, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stacy Attard)**

**vs.**

**Manolito Magri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Manolito Magri ta' 38 sena iben Emanuel Magri u Maria Dolores xebba Cassar, imwieled gewwa San Giljan nhar il-11 ta' Ottubru, 1980 u residenti gewwa fond numru 5, Mirka, Triq il-Buttar, Santa Venera, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 490280(M).

Billi akkuzat talli:

Nhar it-08 ta' Novembru, 2018, bejn in-12:30 u s-2:30 ta' wara nofsinhar, gewwa fond numru 5, Mirka, Triq il-Buttar, Santa Venera:

1. Hebb fuq il-persuna tas-siehba tieghu Dorianne Spiteri li tghix fl-istess residenza mieghu, u kkagunalha griehi ta' natura hafifa hekk skond ma' gie ccertifikat minn Dr. Lara A. Testa M.D. (Reg. No. 3695) mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana;

2. U aktar talli fl-istess data u anke fil-gimghat/xhur ta' qabel, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor lis-siehba tieghu Dorianne Spiteri biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D.) nhar it-08 ta' Marzu, 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Dorianne Spiteri jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi ttrattata bil-procedura sommarja u rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk ttrattata u deciza.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2018, l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li m'ghandhiex aktar provi u li d-difiza iddikjarat li m'ghandhiex provi x'tipproduci, u lanqas ghandha kontro-ezamijiet x'taghmel, u l-partijiet qablu l-kawza tista' tithalla ghas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Fit-tieni seduta f'dawn il-proceduri, u cioe dik tal-14 ta' Novembru 2018, Dottor Amadeus Cachia ghall-parte civile Dorianne Spiteri iddikjara li l-parte civile qed tirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli u inoltre, stante li hemm il-possibilita illi l-istess parte lesa tista' tinkrimina lilha nnifisha fil-mument li hija taghti id-deposizzjoni taghha, qieghda taghzel li ma tixhidx.

Rigward din ir-rinunzja tal-parte civile, jigi relevat li l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-imputat huma prosegwibbli mill-Pulizija *ex officio,* hlief ghal-ewwel imputazzjoni ta' ferita hafifa, li normalment tehtieg il-kwerela tal-parti leza. Pero ai termini tal-Artikolu 221(4), 222 (1)(a) u 202(h)(i) tal-Kodici Kriminali, anki f'kazijiet ta' allegata ferita hafifa, il-Pulizija tista' tmexxi *ex officio* minghajr il-kwerela tal-parti leza, meta l-offiza allegatament issir fuq il-persuna ta' koabitant bhal fil-kaz odjern.

Inoltre, l-Artikolu 543 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi: *"Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*
*[...]*
*(e) fil-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika:*
*Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza abbazi tal-Generu u l-Vjolenza Domestika."*

L-Artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza abbazi tal-Generu u l-Vjolenza Domestika (Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta' Malta) jghid illi: *""vjolenza domestika" tfisser kull att jew ommissjoni li tinvolvi l-użu ta' vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u, jew morali, inkluż it-theddid ta' dak l-att jew ommissjoni, ... ... li sseħħ fi ħdan familja jew unità domestika,".*

Min-naha l-ohra, l-istess Artikolu 2 tal-Att jghid ukoll illi *“"familja jew unità domestika" tinkludi:*

(a) *konjuġi, imsieħba f’unjoni ċivili jew koabitanti attwali jew passati;*

Il-Qorti tosserva li l-parte civile ma ghamlitx talba ai termini tal-proviso tal-Artikolu 543(e) tal-Kodici Kriminali sabiex din il-Qorti twaqqaf il-proċeduri kontra l-imputat.

Fid-dawl ta’ dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi, ir-rinunzja tal-*parte civile* ma jistghax ikollha effett fuq dawn il-proceduri kriminali.

F’din il-kumpilazzjoni xehdu biss l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Stacy Attard u PS 1236 Joseph Gatt.

L-Ispettur Attard xehdet li PS 1236 Joseph Gatt kien infurmaha li Dorianne Spiteri flimkien mas-social worker Sarah Micallef kienu ghamlu rapport u li wara li nqala’ argument bejn Spiteri u l-imputat, li huwa l-koabitant taghha, fuq xi flus li Spiteri gibdet mill-bank, u li Spiteri beda jsawwat u jaghti bil-ponn lil Spiteri f’rasha. Allegatament l-imputat kien qal ukoll quddiem it-tfal taghhom, wiehed ta’ ghaxar (10) snin u l-iehor ta’ hmistax (15)-il sena rispettivament, illi jekk Spiteri kienet ser terga’ tmur lura d-dar kien se joqtolha. Hija ezebiet l-istqarrija li rrilaxxa l-imputat kif ukoll certifikat rilaxxat mit-tabib Dr Lara Testa.

L-Ufficjal Prosekutur xehdet li kien sar assessment tal-*parte civile* mill-Agenzija Appogg, pero b’digriet ta’ din il-Qorti tal-14 ta’ Novembru 2018, dan id-digriet gie dikjarat inammissibbli bhala prova stante li huwa *documentary hearsay evidence* ai termini tal-Artikolu 598(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 645 tal-Kodici Kriminali, stante li s-social workers tal-Agenzija Appogg li rredigew dan ir-rapport hadu l-informazzjoni taghhom minn dak li qaltilhom l-istess parte civile, meta l-istess parte civile diga ddikjarat fis-seduta precedenti u anki f’din is-seduta, li mhix bi hsiebha tixhed kontra l-koabitant taghha, anke ghaliex bix-xhieda taghha tista’ tinkrimina ruhha. Ghall-istess raguni, din il-Qorti cahdet it-talba tal-Prosekuzzjoni li jixhdu z-zewg social workers li irredigew dan ir-rapport, stante li x-xhieda taghhom taqa’ fil-kategorija ta’ *hearsay evidence* ghar-raguni fuq moghtija. Inoltre, din il-Qorti kienet tal-opinjoni li dan ma huwiex kaz fejn ghandha tezercita d-diskrezzjoni taghha taht l-Artikolu

599 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan stante li l-parte civile ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri, u f'dawn ic-cirkostanzi dak kollu li ntqal lis-social workers mill-parte civili, mhux ser ikun possibbli li jigi verifikat u/jew ikkontrollat.

PS 1236 Joseph Gatt esebixxa r-rapport tal-Pulizija.

Mir-rapport tal-Pulizija jirrizulta illi nhar it-8 ta' Novembru 2018, ghal habta tal-4.50 a.m., Dorianne Spiteri flimkien mas-social worker Sarah Micallef kienu marru l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, u Spiteri allegat illi aktar kmieni dak in-nhar stess waqt li kienet id-dar taghha u tal-imputat, li jigi missier it-tfal taghhom, l-imputat kien talabha il-flus, u hi ma riditx ittihomlu. Il-kwerelanta qalet li l-imputat beda jaghtiha bil-ponn go rasha, u billi beda jibki t-tifel iz-zghir, harget il-barra mid-dar. Billi xi nofs siegha wara it-tifel beda jibki ghax ried imur jorqod, hija kienet irritornat lura d-dar, u l-imputat rega' beda jsawwatha. Qalet ukoll li l-imputat kien qal lil zewg uliedhom li jekk ommhom tmur lura d-dar kien se joqtolhom.

Spiteri allegat ukoll li l-imputat ghandu l-vizzju tax-xorb u madwar darba fix-xahar jixrob u jsir aggressiv u jsawwatha, u gieli anke heddiha b'armi. Qalet ukoll li dan l-abbuz kien ilu sejjer snin. Qalet li fil-passat ghamlet tlett xhur tghix ghand ommha, izda irritornat lura mal-imputat, la darba spicca d-divjet tal-Qorti.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal li dak in-nhar, it-tilwima bejniethom inqalghet ghaliex Spiteri kienet gibdet €300 Euro bil-cashlink mill-kont tal-bank personali tieghu, minghajr permess tieghu, u li kien ta' €400 mill-flus li jaqla' mill-hanut biex thallas id-dejn tad-dar li kellhom mal-bank, u dan hija ma ghamlitux. Ghall-ewwel Spiteri innegat li gibdet xi flus, pero eventwalment ammettiet u qaltlu li t-tlett mitt Euro (€300.00) kienu ghand ohtha, u ma taghtux sodisfazzjon x'ghamlet bl-erba' mitt Euro (€400.00) l-ohra. Pero hu cahad li f'xi hin hu beda jaghtiha bil-ponn go rasha, jew b'xi mod sawwatha jew kien aggressiv maghha. Meta gie mistqosi biex jispjega t-tbengil li gie ccertifikat mit-tabib, huwa wiegeb li ma jafx u li sa l-ahhar li rahha hu, hija ma kelliex tbengil. Qal ukoll li hi gieli jkollha grif f'idejha u tghidlu li ser taghmillu rapport. L-imputat cahad ukoll li kien qal lill-uliedhom li jekk ommhom, cioe l-parte civile, kienet ser tmur id-dar, kien ser joqtolhom. Dwar incidenti simili fil-passat, l-imputat qal li kellhom argument is-sena l-ohra meta qabadha ma ragel iehor, u li jargumentaw ghax gieli ma tibghatx it-tfal l-iskola. Hu cahad li xi darba hedded lill-parte civile bil-mewt u li kellu l-problema tax-xorb.

Dr. Lara Testa mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana iccertifika illi Dorianne Spiteri kienet qed issofri minn griehi ta' natura hafifa, dment li ma jinqalghux kumplikazzjonijiet, konsistenti:

1. tbengil fir-ras fuq in-naha ta' wara u fuq in-naha tal-lemin tar-ras;
2. ugiegh fl-ghonq.

Is-social workers tal-Agenzija Appogg tkellmu mal-parte civile, u wara li ghamlu *risk assessment* irrizulta li hija high risk.

Il-parte civile irrinunzjat ghall-kwerela li kienet ghamlet, u uriet ix-xewqa taghha li ma tixhidx kontra l-imputat koabitant taghha. Inoltre, hija invokat ukoll id-dritt taghha li ma tixhidx biex ma tinkriminax ruhha, liema dritt mhux biss hu protett mill-Artikolu 643 tal-Kodici Kriminali, izda hu wkoll dritt fundamentali taghha, sancit taht il-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti certament ma tistax tezercita d-diskrezzjoni taghha ai termini tal-Artikolu 633 tal-Kodici Kriminali biex tordnalha tixhed.

Fin-nuqqas tax-xhieda tal-parte civile, il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat – apparti l-istqarrija tal-imputat u ic-certifikat mediku, huma biss *detto del detto* li *se mai* setghu jikkorroboraw ix-xhieda tal-parte civile, kieku din xehdet, pero li wahedhom certament mhux bizzejjed biex jindikaw htija.

Huwa vera li mill-provi ma tirrizulta l-ebda raguni ghalfejn kien hemm it-tbengil, li r-riskontrat Dottor Lara Testa fuq ir-ras tal-parte civile, pero fl-istqarrija tieghu, l-imputat cahad kategorikament li hu kien ta' bil-ponn fuq rasha jew sawwatha mod iehor.

F'dan l-istat tal-provi, certament ma jistghax jinghad li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u qed tilliberah minnhom.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**